



Brussell, 15 ta' April 2020
(OR. en)

7218/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0059(COD)**

**CODEC 256
PECHE 94
CADREFIN 69**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-att legiſlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fit-2 ta' April 2020 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 43(2) u 175 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat u mistenni jagħti tweġiba fi żmien qasir.
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat iżda ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Il-Parlament Ewropew ser jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-plenarja tiegħu tas-16 u s-17 ta' April 2020.

¹ 7153/20.

5. Minħabba l-urġenza taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw il-miżuri proposti, ir-Regolament ser ikun jista' jiġi adottat biss permezz tal-proċedura bil-miktub.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub:
- għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, kif jinsab fid-dokument PE-CONS 9/20²; kif ukoll
 - għall-adozzjoni, abbażi tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, tad-deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
-

² PE-CONS 9/20 ser ikun disponibbli fi żmien debitu.